Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 370/02

**Leonard Incorvaja**

**vs**

**Manwel Camilleri u Carmelo Camilleri, u b'digriet tal-11 ta' Jannar 2006 ġie kjamat fil-kawża d-Direttur tal-Artijiet, u b'digriet tal-1 ta' Lulju 2015 assumew l-atti tal-kawża minflok il-mejjet Manwel Camilleri: Carmelo Camilleri, Mariella Debono u Salvatore Camilleri**

4 ta' Ġunju 2018.

1. **Din hija kawża fejn l-attur qed jitlob li l-konvenuti jiġu kkundannati jiżgumbraw minn għalqa (li tinkludi razzett), allegatament proprjeta` tiegħu, *stante li qed jokkupawha mingħar titolu validu.***

2. Fl-avviż tagħha ppreżentat fit-3 ta' Ġunju 2002 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-attur talab li l-konvenuti jiġu kkundannati jiżgumbraw, jirrilaxxjaw u jħallu battal favur tiegħu l-għalqa magħrufa bħala "Ta' Dar il-Ħmar" u r-razzett li hemm fiha magħruf bħala "Ta' Skaramb", proprjeta` tiegħu, li jinsabu fl-inħawi tal-Brolli, limiti ta' Birżebbugia, u huma indikati bil-kulur roża fuq l-annessa pjanta (Dok A), stante li qed jokkupawha mingħajr titolu validu fil-liġi, prevja d-dikjarazzjoni li qegħdin jokkupawha mingħajr titolu validu fil-liġi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' April 2002. Għall-fini ta' kompetenza ġie dikjarat li l-valur lokatizju ma jeċċedix l-Lm100 fis-sena.

3. Fir-risposta tagħhom tat-28 ta' Ġunju 2002 tal-20 ta' Marzu 2013 il-konvenuti

wieġbu biex jgħidu:

1) illi fl-ewwel lok il-ġudizzju mhux integru stante li huma m'humiex l-uniċi persuni li jokkupaw b'titolu validu fil-liġi l-għalqa u r-razzett in kwistjoni[1];

2) illi fil-mertu mhux minnu li l-attur huwa sid tal-istess għalqa u razzett stante li l-istess huma proprjeta` tal-Gvern u hemm relazzjoni valida bejn il-Gvern, il-konvenuti, u oħrajn;

3) illi l-istess għalqa u razzett ilhom fil-pussess tal-konvenuti bl-istess titolu għal aktar minn sittin sena u dana kif se jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża;

4) illi l-attur ilu jaf b'dan peress li huwa jidher li għandu xi raba viċin u qatt ma mmolesta lill-konvenuti fil-pussess;

5) illi għal dawn ir-raġunijiet u oħrajn jekk jirriżultaw it-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż b'kollox;

6) illi l-konvenuti jirriservaw li jitolbu l-kjamata fil-kawża tal-Gvern li huwa sid l-għalqa;

7) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

4. Fil-11 ta' Jannar 2006 il-Qorti tal-Maġistrati ordnat il-kjamata fil-kawża tad-Direttur tal-Artijiet[2]. Għalkemm l-imsejjaħ fil-kawża u l-Avukat Ġenerali ġew debitament notifikati bl-avviż fit-12 ta' Mejju 2006 ma ppreżentaw l-ebda nota ta' eċċezzjonijiet u għalhekk baqa' kontumaċi.

5. Fis-sentenza tas-16 ta' Novembru 2016, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet illi l-provi li ressaq l-attur biex jipprova t-titolu tiegħu fuq l-art ma huma konvinċenti xejn u anke kkummentat illi x-xiehda li pproduċa mid-Dipartiment tal-Artijiet aktar issaħħaħ il-pożizzjoni tal-konvenuti li l-kjamat fil-kawża huwa l-proprjetarju tal-proprjeta` in kwistjoni. Għalhekk ċaħdet it-

[1] Din l-eċċezzjoni ġiet irtirata mill-konvenuti fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2003 (ara verbal a fol 21)

[2] Rikors tal-attur għall-kjamata fil-kawża tad-Direttur tal-Artijiet, datat 06.01.2006, fol 101

talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.

6. L-attur ma jaqbilx mas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u għalhekk fis-6 ta' Diċembru 2016 ipprezenta rikors tal-appell quddiem din il-qorti fejn talabha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, u tilqa' t-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti u l-kjamat fil-kawża.

**L-aggravji tal-attur huma tlieta:**

(i) Fl-ewwel lok jilmenta li l-ewwel qorti naqset li tieħu in kunsiderazzjoni l-Kapitolu għas-Subizzjoni ppreżentat fil-konfront tal-kjamat fil-kawża d-Direttur tal-Artijiet. Isostni li l-ewwel qorti kienet obbligata li tikkunsidra, bħala konsegwenza tal-Kapitolu, u tan-nuqqas tad-dehra (bla ġustifikazzjoni) tad-Direttur tal-Artijiet, il-konfessjoni tat-talba.

(ii) Fit-tieni lok u bla preġudizzju għall-ewwel aggravju, jgħid li mill-provi prodotti l-ewwel qorti kellha tasal għall-konklużjoni illi huwa kien il-proprjetarju tal-art in kwistjoni.

(iii) Fit-tielet lok u bla preġudizzju għall-ewwel żewġ aggravji, jilmenta li l-ewwel qorti naqset tikkunsidra li hemm biċċa art żgħira b'wisgħa ta' circa għaxar piedi mill-ewwel ħabel tal-għalqa tiegħu (indikata bil-kulur blu fuq il-pjanta Dok IL3, fol 50) li hija eskluża mill-pjanta li esebixxa Anthony Deguara (in rappreżentanza tal-kjamat fil-kawża) u għalhekk huwa evidenti li l-istess kjamat fil-kawża mhux qed jivvanta drittijiet fuqha.

7. Fl-1 ta' Ġunju 2017 il-konvenuta appellata Mariella Debono wieġbet biex tgħid illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

8. Fis-26 ta' Ġunju 2017 il-konvenuti appellati l-oħra, Carmelo Camilleri u Salvatore Camilleri talbu lill-qorti tawtorizzahom jagħmlu tagħhom dak espost

minn oħthom Mariella Debono fir-risposta tal-appell tagħha.

9. Id-Direttur tal-Artijiet ma ppreżenta l-ebda risposta tal-appell, minkejja li hu u l-Avukat Ġenerali ġew notifikati bir-rikors tal-appell fis-7 ta' Diċembru 2016 u fis-6 ta' Diċembru 2016, rispettivament.

**Kompetenza.**

10. Jibda biex jingħad li bis-sentenza tas-16 ta' Novembru, 2016 l-ewwel qorti effettivament iddeċidiet kwistjoni ta' natura petitorja. L-Artikolu 47(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara li, ***"kawżi li fihom jidħlu kwistjonijiet dwar il-proprjeta` ta' beni immobbli"*** ma jidħlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

11. L-Artikolu 741(b) jipprovdi li l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata "*meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha.*" Iżda tali eċċezzjoni la tqajmet mill-konvenuti, u wisq anqas mill-kjamat fil-kawża d-Direttur tal-Artijiet (li fil-fatt huwa kontumaċi).

12. Waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2018 din il-qorti ġibdet l-attenzjoni tal-partijiet fir-rigward tal-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi kwistjoni petitorja. Madanakollu meta tqies dak li jipprovdi l-Artikolu 774 tal-Kap. 12, din il-materja tieqaf hemm.

**Il-kwistjoni dwar il-kapitolu għas-subizzjoni.**

13. Fl-ewwel aggravju l-attur jilmenta illi l-ewwel qorti ma kkunsidratx il-fatt li huwa kien ippreżenta l-kapitolu għas-subizzjoni tad-Direttur tal-Artijiet:

*"...l-ewwel qorti naqset li tieħu in konsiderazzjoni l-Kapitolu għas-Subizzjoni ppreżentat fil-konfront tal-kjamat fil-kawża d-Direttur tal-Artijiet. Wara li kien ġie ppreżentat il-Kapitolu in subizzjoni tal-kjamat fil-kawża tad-Direttur tal-*

*Artijiet (Ara fol 99) u l-imsemmi Direttur kien naqas li jidher biex jirrispondi għad-domandi in subizzjoni nonostante li ġie anki imsejjaħ tliet darbiet (ara fol 100) il-qorti kienet obbligata li tikkonsidra bħala konsegwenza tal-kapitolu u tan-nuqqas ta' dehra u di piu' nuqqas ta' dehra mingħajr ġustifikazzjoni għal dan in-nuqqas tiegħu, il-konfessjoni tat-talba."*

14. Fil-fatt jirriżulta illi fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2006 l-attur ippreżenta kapitolu għas-subizzjoni tal-kjamat fil-kawża (id-Direttur tal-Artijiet) "*Li biha trid tipprova bil-ġurament tiegħek, li huwa l-proprjetarju tal-għalqa ta' Dar il-Ħmar u r-razzett".* Fis-seduta sussegwenti tal-1 ta' Novembru 2006 ġie vverbalizzat illi "*d-Direttur tal-Artijiet, inġunt għas-subizzjoni, imsejjaħ tlett darbiet ma deherx. Dwar dan il-Qorti tirriserva li tagħti ddeċiżjoni opportuni fi stadju ulterjuri fis-sentenza finali."* Fis-sentenza finali ma saret l-ebda riferenza għal tali kapitolu.

15. Għalkemm huwa veru li l-kapitolu għandu jitqies bħala konfessjoni meta s-subent ma jkunx deher il-qorti sabiex iwieġeb u ma jkunx iġġustifika n-nuqqas, pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-qorti għandha toqgħod dejjem fuq il-preżunta konfessjoni. Is-subizzjoni għandha tiġi eżaminata flimkien mal-provi l-oħra tal-kawża, b'mod illi jekk il-kapitolu ma jkunux konfaċenti mal-provi l-oħra tal-kawża, u l-ġudikant jidhirlu li għandu jagħti prevalenza lil dawk il-provi l-oħra, l-konfessjoni preżunta derivanti mis-subizzjoni iċċedi quddiem dawk il-provi l-oħra.[3] Fis-sentenza **Fenici Insurance Agency Limited nomine vs Paul Stoner et** tat-22 ta' Novembru 2002, din il-qorti qalet:

*"Il-Qorti tagħel din l-aħħar osservazzjoni fir-rigward. Ma jfissirx illi l-fatt biss li subent ikun naqas bla ġustifikazzjoni li jidher biex jirrispondi għall-kapitolu magħmul kontra tiegħu kellu neċessarjament iwassal biex il-Qorti tilqa' t-talba attriċi. Dan għaliex skont il-liġi 'l-ammissjoni bis-subizzjoni ta' waħda mill-partijiet tista' tagħmel prova ta' fatt…." (Art. 694(2)). Aktar rilevanti hu s-subinċiż (3) ta' dan l-artikolu li jiddisponi illi f'kull każ tkun magħduda bħala li tagħmel prova dik il-parti biss tal-ammissjoni li l-Qorti jidhrilha li tistħoqq li tkun emmnuta".*

16. F'dan il-każ partikolari minn xhieda tad-Dipartiment tal-Artijiet hu car li qieghed isostni li l-art hi tiegħu. Meta tqies dak li ser jingħad hawn taħt, l-ammissjoni bis-subizzjoni ma titwemminx.

---

[3] Ara f' dan ir-rigward: **Tabib Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et**, P.A. Qorti Ċivili, 28.06.1952.

17. In vista ta' dan kollu, l-ewwel aggravju tal-attur hu miċħud.

**L-aspetti legali.**

18. L-attur fin-nota tas-sottomissjonijiet iddikjara li l-kawża li ppropona hi l-*actio rei vindicatoria*.[4]

19. Kif inhu risaput, l-attur f'kawża ta' rivendika jrid jipprova li għandu titolu oriġinali fuq il-proprjeta` in disputa: dan sabiex ikun stabbilit li huwa għandu titolu inkonfutabbli ta' proprjeta` kontra kull persuna oħra (*erga omnes*). Tali prova hija ferm iebsa, tant li hija magħrufa bħala l-*probatio diabolica.*

20. Meta, pero`, kontra tali azzjoni l-konvenut possessur jiddefendi ruħu billi huwa wkoll jivvanta titolu fuq l-art in disputa, huwa aċċettat li huwa biżżejjed li l-qorti tagħmel eżami komparattiv taż-żewġ titoli sabiex tara min mill-kontendenti għandu l-aħjar titolu. Min ikollu l-aħjar titolu miż-żewġ kontendenti (*inter partes*) jirbaħ il-kawża. Għaldaqstant f'tali ċirkostanzi huwa biżżejjed li l-attur jippruva titolu derivattiv fuq l-art in disputa (kif fil-fatt qed jittanta li jagħmel l-attur odjern), u darba li l-attur jipprova t-titolu tiegħu, jispetta imbagħad lill-konvenut jipprova li t-titolu allegat tiegħu (li jista' jkun jew titolu derivattiv ieħor, jew titolu oriġinali) huwa aħjar minn dak tal-attur.

21. Il-konvenuti possessuri fl-eċċezzjonijiet ma vvantawx it-titolu tagħhom stess fuq l-art in kwistjoni, iżda it-titolu tad-Direttur tal-Artijiet. Fil-fatt isostnu li huma jokkupaw l-art in kwistjoni b' titolu ta' qbiela u li tali qbiela jħallsuha lid-Direttur tal-Artijiet. Issa għalkemm id-Direttur tal-Artijiet ġie kkjamat fil-kawża u debitament notifikat, baqa' kontumaċi, u allura ċertament li ma jistax jingħad li huwa ivvanta titolu fuq l-art in disputa, anke jekk ir-rappreżentanti tiegħu fix-xiehda tagħhom xehdu f' dan is-sens.

22. Ovvjament l-attur ma jistax jirnexxi fit-talba jekk ma jatix prova li hu sid l-immobbli oġġett tal-kawża.

---

4 Ara paragrafu 4 (fol. 203).

23. Wara li l-qorti qrat l-atti tikkonkludi li mhux talli l-attur ma ppruvax konklussivament li għandu titolu derivattiv fuq l-art in kwistjoni, talli anke kieku dan kien il-każ, xorta ma jirriżultax li tali "titolu" huwa aħjar minn dak tad-Direttur tal-Artijiet.

24. Il-proprjeta` in disputa tikkonsisti f'(i) razzett, (ii) biċċa għalqa kbira fuq il-lemin tiegħu, u (iii) biċċa art żgħira ħafna fuq ix-xellug tiegħu, komplessivment indikati bil-kulur roża fuq is-*site plan* a fol 2. Għalkemm il-konvenuti jsostnu li Direttur tal-Artijiet hu s-sid, effettivament huma biss ir-razzett u l-għalqa fuq il-lemin tiegħu li jidhru bħala proprjeta` tal-Gvern fuq id-dokumenti stess tal-Gvern, kif ser jintwera aktar 'il quddiem.

**Osservazzjonijiet dwar il-provi li tressqu fir-rigward tal-proprjeta` tal-art in kwistjoni.**

• *Ma ġiet annessa l-ebda pjanta mal-kuntratt tal-1979; u dik mħejjija mill-perit Mangion saret WARA li sar il-kuntratt.*

25. L-attur isostni li l-art in kwistjoni hija parti minn art akbar (bil-kejl ta' 13,489mk) li huwa akkwista mingħand Joseph Zammit Tabona f'isem Jerome de Piro d' Amico Inguanez permezz ta' kuntratt datat 6 ta' Lulju 1979 fl-atti tan-Nutar Dr Paul Pullicino[5]. Bis-saħħa ta' dak il-kuntratt l-attur xtara:

*"...l-għalqa denominata "tal-Brolli" fil-kontrada tal-istess isem fil-limiti ta' Birżebbuġia, tal-kejl superfiċjali ta' cirka tlettax-il elf, erba mija u disa' u tmenin metri kwadri (13,489m²) tmiss mit-tramuntana ma' beni ta' l-Ospizju Sant'Anna ta' Senglea, mil-lvant ma' beni tal-familja Apap Bologna u oħrajn in parti, u in parti ma' sqaq, u min-nofsinhar ma' beni ta' Paola Polidano, libera u franka...Il-partijiet jiddikjaraw li l-istess għalqa hija mqabbla".*

26. Fil-kuntratt ma jissemmiex li l-immobbli jinkludi razzett. Tissemma biss ghalqa.

[5] kuntratt Dok IL1, fol 47-48.

27. Mal-kuntratt ta' bejgħ ma ġietx mehmuża pjanta. L-attur fl-affidavit tiegħu[6] spjega li WARA li sar il-kuntratt, Joseph Zammit Tabona kien inkariga perit mill-Uffiċċju tal-Periti Mangion & Mangion u dan għamel *site plan* tal-art[7]. Din is-*site plan* fil-fatt għandha fuqha t-timbru ta '"*Mangion & Mangion Architects and Civil Engineers*" u ġġib id-data 30 ta' Awwissu 1979. Qal li kien Zammit Tabona li qal lill-perit fejn kienet l-art; "*Kien Joseph Zammit Tabona li tah l-istruzzjonijiet u qallu x' għandu jagħmel u fejn kienet".*

28. Fuq id-dokument m'hemmx inkluż kejl. Il-perit Stephen Mangion, f'affidavit ikkonferma li kien hu li mar fuq il-post dak iż-żmien. Qal li "jaħseb" li huwa "probabbli" li l-art kienet tkejlet, iżda ma jiftakarx. Spjega li għalkemm fittex fl-arkivju tal-uffiċċju sabiex jara jsibx pjanti jew dokumenti oħra dwar l-art, ma sab xejn. Jibqa' d-dubju jekk l-art kollha indikata fis-*site plan* tirrapprezentax l-art li xtara l-attur fl-1979.

- *<u>Fil-kuntratt ta' akkwista jingħad li l-istess għalqa hi mqabbla</u>*.

29. Fil-kuntratt ta' akkwist tal-attur jingħad, *"L-partijiet jiddikjaraw li l-istess ghalqa hija mqabbla"*. M'hemmx provi li awtur tal-attur kien qatt ta r-razzett u l-art li jokkupaw il-konvenuti u meritu tal-kawża, bi qbiela. Lanqas ma jissemma li parti mill-għalqa hi okkupata minn terzi mingħajr jedd. Min-naħa l-oħra hemm prova li l-konvenuti jħallsu qbiela lill-Gvern. Mill-provi rriżulta li l-familja Camilleri ilha snin twal ħafna tokkupa r-razzett u l-għalqa, ferm qabel xtara l-attur, l-ewwel b'ċens u mbagħad bi qbiela. Fil-kuntratt ta' akkwist tal-attur lanqas ma jissemma li r-razzett u r-raba' in kwistjoni huma okkupati minn terzi. Indizju ieħor li dawn l-ambjenti ma kinux oġġett tal-kuntratt ta' akkwist. Il-probabbilta hi li kieku kienu kompriżi fl-akkwist, kien jissemma li hemm terzi jokkupaw il-proprjeta kif issemma li l-għalqa hi mqabbla.

- *<u>Il-konfigurazzjoni tal-art murija fuq is-site plan imħejjija mill-perit Mangion (li</u>*

[6] Affidavit tal-attur, Dok IL, fol 45-46.
[7] Site plan tal-art allegatament mertu tal-kuntratt tal-1979, Dok IL2, fol 49.

*suppost skont l-attur tirrappreżenta l-art mixtrija minnu fl-1979) hija differenti minn dik murija fis-site plan mehmuża mal-avviż promutur:*

30. Jiġi osservat ukoll illi l-konfigurazzjoni tal-art indikata fuq is-*site plan* tal-perit Mangion (Dok IL2, fol 49), li suppost tindika l-art mixtrija mill-attur fl-1979 bil-kejl ta' 13,489mk, hija differenti minn dik indikata fuq is-*site plan* annessa mal-avviż promutur (Dok A, fol 2). Jekk wieħed iqabbel iż-żewġ *site plans* imsemmija jinnota li parti mill-għalqa mertu tal-kawża (cioe` l-għalqa li tinsab fuq il-lemin tar-razzett) hija nieqsa mis-*site plan* tal-perit Mangion. Dan fil-fatt jissemma wkoll fis-sentenza tal-ewwel qorti.

- *Konfini tal-art oġġett tal-kuntratt tas-6 ta' Lulju, 1979*.

31. Fil-kuntratt jingħad li l-art tmiss mit-tramuntana ma' beni tal-Ospiżju Sant'Anna ta' Senglea, mil-lvant ma' beni tal-familja Apap Bologna u oħrajn **u in parti ma' sqaq** u min-nofsinhar ma' beni ta' Paola Polidano.

32. Fil-kawża **Leonard Incorvaja vs Giuseppe Bonnici** (13/88), il-membri tekniċi tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba' qalu[8]:

*"Ir-razzett ta' isfel qiegħed **in-naħa tal-Punent ta' Sqaq il-Qoton**, liema sqaq jibqa' dieħel u jispiċċa fit-tieni għalqa minn isfel ta' dan ir-raba' li fiha xi nofs tomna".*

Mis-*site plans* jidher li jekk il-proprjeta' tal-attur hi dik li mmarka f'Dok. IL3, fuq in-naħa tal-lvant m'hemmx sqaq.

• *Bil-fatt li l-attur irnexxielu jieħu l-pussess ta' żewġ porzjonijiet art li kienu f' idejn żewġ gabillotti differenti, ma jsegwix li l-art in kwistjoni hija tiegħu:*

33. Barra s-*site plan* Dok. A, li l-attur ippreżenta mal-Avviż, (li kif ingħad fiha biċċa iktar minn dik indikata fuq is-*site plan* Dok IL2 li ħejja l-perit Mangion fl-1979), l-attur ippreżenta wkoll Dok. IL3 (fol 50) li għandha l-istess konfigurazzjoni

[8] Fol. 105.

bħal dik indikata fuq Dok A. L-attur jispjega li meta xtara l-art kien hemm tlett gabillotti fiha.

- Dwar l-ewwel ħabel, u cioe` l-istrixxa kkulurita bir-roża fuq is-site plan Dok IL3[9] l-attur jispjega li dan kien imqabbel lil ċertu Carmelo Bonnici, u jgħid li huwa kien ftiehem miegħu sabiex huwa joħroġlu minnu.

- Dwar l-erbat iħbula biswit l-ewwel ħabel, li huma kkuluriti bl-aħdar fuq is-site plan Dok IL3[10], l-attur jispjega li dawn kienu mqabbla lil ċertu Giuseppi Bonnici u dwarhom agħmel kawża li rebaħ.[11] Kawża li pero' mhijiex petitorja iżda sabiex jieħu lura l-pussess tal-art mingħand l-inkwilin. Il-proċeduri nbdew fil-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba'.

- Il-kumplament[12] hija proprju l-art mertu tal-kawża (cioe` ir-razzett, l-għalqa fuq il-lemin tar-razzett, u l-biċċa art żgħira fuq ix-xellug tar-razzett). L-attur xehed illi wara li rebaħ il-kawża kontra Giuseppi Bonnici u konsegwentement l-erbat iħbula indikati bl-aħdar ġew f'idejh, kien avviċina lill-konvenut Manuel Camilleri u talbu joħroġlu mill-proprjeta'. Qal li Manuel Camilleri l-ewwel qallu li hemmhekk ta' ħuh Carmelo Camilleri, imbagħad qallu li hija tal-familja kollha, u "*wara ħafna qalli li kien imqabbel mingħand il-Gvern*".

34. Ovvjament bil-fatt li l-attur irnexxielu jieħu f'idejh parti kbira mill-art li allegatament xtara fl-1979, ma jsegwix li l-immobbli oġġett tal-kawża huma proprjeta' tiegħu.

[9] Din hija l-istess biċċa indikata bil-kulur aħdar ċar fuq il-pjanta a fol 67, ippreżentata minn Alfred Farrugia in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Agrikoltura. Fir-rigward hemm notament li l-aħħar reġistrazzjoni kienet fuq Carmelo Bonnici.

[10] Din hija l-istess biċċa indikata bil-kulur aħmar ċar fuq il-pjanta a fol 67, ippreżentata minn Alfred Farrugia in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Agrikoltura. Fir-rigward hemm notament li l-aħħar reġistrazzjoni kienet fuq Giuseppi Bonnici imbagħad ġiet *"quitted to owner"*.

[11] Fil-fatt il-kawża saret quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba, u fid-deċiżjoni tiegħu il-Bord laqa' t-talbiet ta' Incorvaja u awtorizzah jirriprendi l-pussess tal-għalqa. Id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu 1996 (ara kopja tas-sentenza, fol 106-115).

[12] Din hija l-istess biċċa indikata bil-kulur ċelesti ċar fuq il-pjanta a fol 67, ippreżentata minn Alfred Farrugia in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Agrikoltura. Fir-rigward hemm notament li l-aħħar reġistrazzjoni tal-art kienet fuq Manuel Camilleri (il-konvenut).

• *Skont id-dokumenti tad-Dipartiment tal-Artijiet, l-art mertu tal-kawża inkluż ir-razzett (ħlief parti żgħira art fuq ix-xellug tar-razzett) hija tad-Dipartiment tal-Artijiet:*

35. Id-dokumenti li ressqu r-rappreżentanti tad-Direttur tal-Artijiet juru li l-art in kwistjoni (ħlief għal parti żgħira indikata bil-kulur blu fuq is-*site plan* Dok IL3 - cioe` l-parti fuq ix-xellug tar-razzett) hija tad-Dipartiment tal-Artijiet.

36. Anthony Deguara[13] in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Artijiet esebixxa *site plan* li fuqha tidher biċċa art delineata bl-aħmar u kkulurita bir-roża[14]. Spjega li inkluż f'din l-art hemm ir-razzett. Xehed li mill-*file* jirriżulta li din l-art (denominata bħala ta' "Bur Selak" jew "Tas-Siġar") kienet fl-1864 ingħatat b'ċens mill-Gvern għal 99 sena lil Felice Mifsud.[15] Kompla jgħid li mill-1964 sal-1972 imbagħad kien hemm reġistrat (bħala gabillott) Moses Camilleri, li jiġi missier il-konvenuti. Qal li fl-1972 ingħatat qbiela ġdida lill-istess Moses Camilleri u dan imbagħad ċediha lil uliedu (l-konvenuti).

37. Jiġi osservat illi din l-art indikata kemm fuq is-*site plan* li ppreżenta Deguara, u kif ukoll fuq il-pjanta tal-1864 mehmuża mal-kuntratt ta' ċens tat-18 ta' Novembru 1864 pubblikat min-nutar Luigi Vella, effettivament tinkludi r-razzett in disputa u l-għalqa fuq il-lemin tiegħu, ukoll oġġett tal-kawża. Hemm biss dik il-parti żgħira fuq ix-xellug tar-razzett (immarkata bil-blu fuq il-pjanta IL3) li mhux inkluża f'din il-pjanta. Imbagħad b'kuntratt tal-25 ta' Frar, 1948 pubblikat min-nutar Carmelo Farrugia, il-Gvern irrikonoxxa lil Mose Camilleri bhala ċ-ċensawalist ghall-perjodu li kien fadal minn 99 sena mill-15 ta' Awissu, 1864. Fil-kuntratt jissemma wkoll ir-razzett, filwaqt li Camilleri rrikonoxxa lill-Gvern bhala d-direttarju.

---

[13] Anthony Deguara xehed fit-08.10.2003 (fol 22-23) u fit-28.01.2004 (fol 35-36).
[14] Fol 25.
[15] Ara kuntratt a fol 37-38, u l-pjanta annessa, fol 39.

38. Ta' rilevanza wkoll hija s-*site plan* li esebixxa Karl Borg[16] in rappreżentana tad-Dipartiment tal-Artijiet. Din turi l-istess art li hija indikata fuq is-*site plan* ezibita minn Anthony Deguara. Fuq l-istess site plan hemm speċifikat illi din l-art hija kollha "*Govt land leased to Emanuel & Jessie Camilleri and Carmel & Maria Camilleri – Tent. 508/07",* u minn tali art hemm indikat bil-kulur isfar dik il-parti mertu tal-kawża, li l-attur jippretendi li hija tiegħu; "*Land which Mr Leonard Incorvaja has claimed as his: claim rejected by Estate Management Dept".*

39. Għaldaqstant anke kieku ma kienx hemm ombra ta' dubju li l-art li xtara l-attur fl-1979 tinkludi r-razzett u l-għalqa fuq il-lemin tiegħu, u anke kieku kellu jitqies li d-Direttur tal-Artijiet effettivament ivvanta titolu fuq ir-razzett u l-għalqa fuq il-lemin tiegħu, li jidhru fid-dokumenti tal-istess Direttur tal-Artijiet (ħaġa li ma għamilx), xorta waħda jiġi li l-attur ma rnexxilux jipprova li għandu titolu aħjar minn tad-Direttur tal-Artijiet fir-rigward tal-imsemmija razzett u l-għalqa fuq il-lemin tar-razzett.

• *Dwar il-biċċa art fuq ix-xellug tar-razzett indikata bil-kulur blu fuq il-pjanta Dok IL3*

40. Issa dwar il-biċċa art li qegħda fuq ix-xellug tar-razzett, indikata bil-kulur blu fuq il-pjanta Dok IL3, li l-attur jgħid li għandha wisgħa ta' cirka għaxar piedi (l-istess wisgħa tal-ewwel ħabel raba), kif ingħad, din mhix inkluża fil-pjanti tad-Direttur tal-Artijiet. Fil-fatt jekk wieħed jara l-pjanta esebita minn Alfred Farrugia mid-Dipartiment tal-Agrikoltura (fol. 67) din il-parti tidher segregata u separata mill-ewwel ħabel raba (li fiha kien hemm Carmelo Bonnici). Skont tali pjanta jidher li din porzjon art ilha segregata mill-ewwel ħabel raba mill-inqas sa mill-1944.

41. Fuq din il-biċċa art partikolari (li ma tiffurmax parti mir-*records* tal-Gvern) il-

[16] Karl Borg xehed fit-18.06.2007, fol 126 – is-site plan li esebixxa hija a fol 128

konvenuti ma vvantawx it-titolu personali tagħhom.

42. In vista ta' dan kollu, it-tieni u t-tielet aggravji jirriżultaw infondati.

43. Wara li l-qorti qrat l-atti, tikkonkludi li l-ewwel qorti kellha kull dritt tgħid li l-provi li ressaq l-attur ma kinux konvinċenti u,

*"bla ebda mod jipprovaw li l-attur kien akkwista din l-għalqa, flimkien mar-razzett, meritu tal-vertenza odjerna".*

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza tas-16 ta' Novembru 2016, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.